**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

**SENA TA' ĠUBLEW TA' SAN ALWIĠI GONZAGA**

Din is-sena il-Knisja qiegħda tfakkar l-450 sena mit-twelid ta' San Alwiġi Gonzaga. Dan iż-żagħżugħ twieled ġo familja nobbli imma ċaħad l-unuri fiergħa u l-ġid materjali. Daħal Ġiżwita, u meta kien għadu student f'Ruma beda jgħin u jġorr il-vittmi tal-pesta u miet ta' 23 sena. Il-Knisja ddikjaratu patrun taż-żgħażagħ u anke patrun tal-vittmi tal-AIDS.

Tkun ħaġa tassew f'waqtha li nwasslu l-ħajja ta' San Alwiġi Gonzaga bħala eżempju mill-isbaħ ta' ħajja mogħtija lil Alla u b'qadi lill-oħrajn.

Il-Papa Franġisku nieda Sena ta' Ġublew ta' San Alwiġi Ġonzaga li tibqa' sejra sa Marzu tas-sena d-dieħla.

Fuq talba ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, il-Penitenzerija Appostolika tat il-permess li f'xi knejjes partikulari tista' tintrebaħ l-*Indulġenza Plenarja* darba kuljum matul din is-sena ġubilari.

Għandkom issibu spjega ta' dan f'din in-nota annessa. Din l-informazzjoni għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Poplu ta' Alla fil-Quddies tas-Sibt 29 u l-Ħadd 30 ta' Settembru 2018.

Is-saċerdoti huma mħeġġa biex joffru ruħhom bil-qalb għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 24 ta' Settembru 2018.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Joseph Galea-Curmi
Isqof Awżiljarju
Vigarju Ġenerali